Mark ra tifel fil-bitħa tal-iskola jiġi *bullied*. Kien hemm ħafna tfal madwaru iħarsu lejh u jidħku bih.

X'seta' jagħmel Mark?

Marija marret is-suq mal-ħbieb tagħha. Huma raw ġiżirana li vera għoġbithom imma ma kellhomx flus biżżejjed biex jixtruha. Iddeċidew li jisirquha.

X'setgħet tagħmel Marija?

Kien il-Ħadd u Luca kien se joħroġ mal-familja tiegħu. Oħtu riedet tibqa' d-dar. Kif kienu ħerġin, Luca ra lil oħtu tara film tal-kbar fuq il-kompjuter.

X'seta' jagħmel Luca?

Frans u Ivan huma aħwa. Frans taqbiżlu malajr. Mhux l-ewwel darba li jgħajjat mal-ġenituri tiegħu.

X'jista' jagħmel ħuh Ivan?

Mandy u James kienu waqt il-lezzjoni tal-Maths. James xejn ma kien attent għal-lezzjoni. Mandy ratu u xtaqet tkun ta' għajnuna.

X'tista' tagħmel?